MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 22 ta' Lulju 2020**

**L-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Fiyori Miharetab**
**(Numru tal-Pulizija 19J-079)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Fiyori Miharetab** akkużata talli:

Fit-22 ta' Lulju 2020 u jew fil-ġranet ta' qabel f'Malta ffalsifikat, biddlet jew għamlet xi tibdil f'passaport jew dokument, jew użat jew kellha fil-pussess tagħha xi passaport jew dokument, li hi kienet taf li ġew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

Kif ukoll akkużata talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamlet falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamlet użu minn xi dokumenti oħra ffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

Kif ukoll akkużata talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi mingħajr awtorità leġittima użat jew kellha fil-pussess tagħha xi dokument, meħtieġ għall-finijiet

ta’ dan l-Att li jkun falsifikat skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Liġijiet ta’ Malta).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputata tammetti li hija ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħha u wara li l-Qorti spjegatilha l-piena abbinata mal-istess reati, semgħetha tikkonferma l-ammissjoni tagħha.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputata.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta’ ħtija rreġistrata mill-imputata fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, il-Qorti ssib lill-imputata ħatja tal-istess imputazzjonijiet.

Illi l-fatti tal-każ huma sempliċi. L-imputata hija ta’ nazzjonalità Eritrejana però kellha fil-pussess tagħha permess sabiex tirrisjedi ġewwa l-Italja u Passaport Taljan, liema dokumenti kienu ffalsifikati. Hija nqabdet fil-fatt meta ppruvat taqbad titjira lejn Ruma.

Illi dwar il-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputata, il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputata, l-ammissjoni tal-imputata għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proċeduri, u wkoll il-fatt li l-imputata għandha seba’ (7) xhur tqala. Dan madankollu ma jnaqqas xejn mill-gravità tar-reati odjerni, però l-Qorti hija tal-fehma illi għandha titratta mal-imputata b’sentenza sospiża. Il-Qorti se tkun qiegħda tqis li t-tieni u t-tielet imputazzjoni huma kompriżi u involuti fl-ewwel imputazzjoni.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta’ Malta, u artikolu 32 (1) (f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta’ Malta, u artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, ssib lill-imputata **Fiyori Miharetab** ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħha u tikkundannaha għall-piena ta’ **sitt (6) xhur priġunerija li b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap**

**9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda tiġi sospiża għall-perjodu ta' sentejn (2) mil-lum.**

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk tikkommetti reat ieħor fi żmien sentejn (2) mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur